San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgha Nru 49 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-Gimgha 26 ta' Settembru 2014 fil 5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti ghal-Laqgha:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Raymond Tabone | Sindku |
| 2 | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 3 | Jane Chircop | Kunsilliera |
| 4 | Anne Fenech | Kunsilliera |
| 5 | Mario Buhagiar | Kunsillier |
| 6 | Robert Piscopo | Kunsillier |
| 7 | Oliver Mallia. | Kunsillier |
| 8 | Mandy Buhagiar | Kunsilliera |

**Skuzat/a**

| | | |
|---|---|---|
| 9 | Peter Abela | Kunsillier |
| 10 | John Bray | Kunsillier |
| 11 | Daniel Grima | Kunsillier |
| 12 | Alex Bezzina | Kunsillier |
| 13 | Mario Salerno | Kunsillier |

**Frans Chircop** Segr. Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

Il-laqgha bdiet fis-5.35pm.
Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lill kulhadd tal-attendenza u sollennament habbar il-mewt ta' omm Jason Camilleri, haddiem mall-istess Kunsill Lokali SanPawl il-Bahar. Kompliet il-laqgha billi beda bl-ewwel items fuq l-agenda.

Korrezzjonijet tal-minuti.
Graziella Galea qalet li l-emendi fil-minuti ghandu jitnizzel minn qalhom – Laqgha 48
Anne Fenech semmiet li fl-ahhar minuti l-isem ta' Graziella Galea ghandu jinbidel u jigi jaqra Anne Fenech – fejn issemmiet it-talba ta' sleeping police quddiem id-Day Centre l-antik. Laqgha 48 Pg2 l-ewwel paragrafu.

1. **Approvazzjoni tal-minuti.**
   Billi l-minuti tal-laqgha precedenti gew cirkulati minn qabel, dawn ittiehdu bhala moqrija u korretti. Il-minuti gew approvati minn dawk kollha prezenti.

---

**Punti li johorgu mill-minuti**

2. **Bye-Law tax-xorb.**
   Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li fil-Bye-Law tax-xorb jitnizzel li fuq l-estensjoni tal-bankini u faccata tal-istess stabbilimenti ghandu jkun permess xorb fil-kontenituri tal-hgieg.

3. **Kuntratt tal-Council Supervisor.**
   Rega' tqajjem il-punt mill-kunsilliera Anne Fenech li l-kuntrattur li kien jahdem bhala Council Supervisor kien twaqqaf fuq vot unanimu.

4. **Karnival**
   Is-Sindku Raymond Tabone qal li l-karnival li kien gie organizzat mill-Kunsill din is-sena kien success kemm mill-attendenza u kemm mill-business li gie generat fil-lokalita. Is-Sindku qal ukoll li kien innota prezenza qawwija minn-barranin u dan jaspira hafna anke ghat-turizmu u ghandu jkun avveniment ripetut ta' kull sena.

5. **Sub Office tal-Kunsill.**.
   Is-Sindku Raymond Tabone staqsa lis-segretarju Ezekuttiv jekk nistghux nibdew nuzaw l-ufficju tal-Kunsill li jinsab fil-pjazza. Is-Segretarju wiegeb li ghad m'ghandux risposta mid-DLG fuq dan u qabel ikollna konferma ma' nistghux nibghatu skrivani jahdmu hemm.

6. **Progett pilota – Nervegian Grant**.
   Is-Sindku spjega li flimkien mas-segretarju Ezekuttiv kellu laqgha fuq progett pilota li jwassal ghall biex jigu stabbiliti kriterji halli l-Kunsilli Lokali jkollhom forma ta' assessor fuq l-amministrazzjoni u hidma taghhom.

7. **Xelter ghaz-zwiemel.**
   Is-Sindku Raymond Tabone qal li kien beda x-xoghol fuq ix-xelter taz-zwiemel u mistenni jkun lest dalwaqt.

8. **Karozzi abbandunati.**
   Gie spjegat li kif kien sar fil-passat, ser jitwahlu l-istickers bl-avviz tal-Pulizija biex karozzi abbandunati u dghajjes imxerrdin mal-lokalita taghna jitnehhew u jitnaddaf il-post. Huwa kompla

jispjega li temporanjament dawn ser jitpoggew fil-parkegg ta' quddiem is-Santana – propjament in-naha ta' wara sakemm jghaddi l-perjodi skond il-ligi mbaghad jitnehhew mill-kuntrattur. Wara li saret diskussjoni qasira fuq dan, ittiehdet votazzjoni fejn dawk kollha prezenti qablu minbarra Graziella Galea u Anne Fenech.

9. **Bankini Godda**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li tlesta x-xoghol tal-bankini u parkegg gdid quddiem Casa Serena f'Bugibba u ser jibda x-xoghol fuq diversi bankini ohra – minn jissewwew u minn jinbnew mill-gdid.

10. **Bankini bl-estensjoni.**
Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet li l-Kunsill ghandu jibda' jara li meta ssir estensjoni tal-bankina quddiem xi stabbiliment, dan ghandu jwahhal rifletturi mall-kurduni tal-istess bankini. Hekk hija sahqet li jigu evitati hafna incidenti bla bzonn.

11. **Tabella fejn Scotts Supermarket.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li mgharrfa l-perita ta' TM biex tehel tabella quddiem Scotts Supermarket f'Burmarrad halli trakkijiet tal-ilma u trakkijiet ohra, ma' jdurux mall-ewwel – izda jkomplu sejrin u jduru mall-knisja l-ewwel, u jkomplu dehlin ghall-Wardija.

12. **Skeda tal-pagamenti.**
Wara li s-Sindku Raymond Tabone talab jekk hemm xi mistoqsijiet ta' kjarifka fuq l-iskeda ta' hlasijiet, huwa ressaq l-istess skeda ghall-approvazzjoni. Graziella Galea, Anne Fenech u Robert Piscopo astjenew, kontra ma' kien hemm hadd u l-kumplament ivvutaw favur.

13. **Korrispondenza**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li l-Kunsill ircieva talba minghand kuntrattur privat biex jehlu vending machines f'diversi postijiet mall-lokalita ta' San Pawl il-Bahar. Wara diskussjoni qasira fuq vot unanimu kien hemm qbil li ma' jehlu l-ebda tip ta' vending machines fil-lokalita.

14. **Arloggi digitali fil-lokalita.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega li billi ghandna diversi problem bl-arloggi prezenti u li ta' kull darba qieghdin jiswew lill Kunsill ammont sostanzjali ta' flus biex jitrangaw, il-Kunsill talab lill Kunstrattur tat-tabelli biex isib sponsors halli jitwahlu u jinbidlu l-arloggi antiki b'dawk moderni u digitali. Kien hemm qbil unanimu fuq din id-decizjoni.

15. **Irtirar mill-impjieg.**
Is-Sindku qal li kellna ittra minghand is-Sinjura J. Vella fejn hija gharfet lill Kunsill li ser tispicca mill-impjieg taggha mall-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar peress li hija ser tirtira.

16. **Approvazzjoni ta' One Way fi Triq l-Isturjun.**
Is-Sindku Raymond Tabone nforma lill Kunsill li dahlet l-approvazzjoni minghand TM biex Triq l-Isturjun issir one way ghat-traffiku.

17. **Laqgha ta' konsultazzjoni pubblika.**
Is-Sindku spjega li kienet ser issir laqgha ta' konsultazzjoni pubblika gewwa l-Qawra Palace Hotel fis-7 t'Ottubru fis-6pm. Ser jithallsu €250 biex tinkera s-sala u ser tkun organizzata flimkien mall-Kunsill Lokali tal-Mellieha u li ser jattendi wkoll l-Onorevoli Manwel Mallia. Is-suggett ser ikun Is-Sigurta fil-Lokal Tieghek.

18. **Estensjoni ghall kuntratt tal-life-long learning.** Gie spjegat li ghall-darba' ohra l-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar ser igedded il-qbil biex isiru l-korsijiet tal-lifelong learning bil-kollaborazzjoni mad-dipartiment tal-edukazzjoni. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

19. **Jitnehhew tabelli u U-bends bla permess.**
Il-kuntrattur tal-Kunsill li jiehu hsieb ir-riklami baghat diversi ritratti fejn juru diversi U-bends mghawwgin u msaddin kif ukoll bla u bir-riklami li twahlu bla permess jew ma' geddewx il-permess. Gew prezentati wkoll ritratti ta' diversi riklami mwahlin mall-hitan bla permessi. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera, li dawn l-illegalitajiet jitnehhew billi l-kuntrattur jibghat ittra lill tar-riklami li jekk ma' jitnehhewx fi zmien hmistax, l-kuntrattur inehhihom hu.

20. **Gabbana –Mare Azzurra.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li l-Kunsill ircieva kopja tal-petizzjoni biex il-gabbana ta' Mare Azzurra ma' tinghatax permess. Huwa kompla jispjega li qabel giet prezentata din il-petizzjoni ga kien hemm permess mill-MEPA – ghax is-sidien tal-gabbana talbu biss trasferiment ghall-post originali li kellhom qabel sar ix-xoghol fuq il-promenade ta' Bugibba. Ghaldaqstant l-istess gabbana ser tigi re-allokata fil-post li kellha originali. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar talbet kopja tal-minuti meta' l-Kunsill hareg no objection biex l-istess gabbana tigi re-allokata fejn kienet.

21. **Mozzjoni – Film Octavius.**
Wara li nqrat il-mozzjoni prezentata minn Robert Piscopo u sekondata minn Daniel Grima fuq it-thassib li seta kien hemm xi nuqqas ta' harsien ghall-wirt storiku fix-Xemxija, kien hemm il-qbil unanimu li l-ghotja li inghatat mill-produtturi tal-film, ta' €1000 jsir xoghol ta' restawr fuq l-istess post. Ghaldaqstant is-Sur Frans Scerri ghandu jara l-bzonnijiet tal-istess sit u jikkordina din il-hidma halli l-istess post jibqa' priservat bl-ahjar mod possibli.

22. **Increment tal-impjegata.**
Giet ghall-attenzjoni tal-Kunsill li skrivana tal-Kunsill – Cathleen Diacono waslet biex titla notch ohra fl-iskala tal-paga taghha. Ghaldaqstant kien hemm l-approvazzjoni unanima fuq dan.

23. **Hatra ta' bord tal-aggudikazzjoni – Open Gym**
Is-Sindku Raymond Tabone talab lill kunsilliera interessati biex jifformaw parti mill-bord tal-ghazla tat-tender tal-Open Gym. Dawk li xtaqu jifformaw parti minn dan il-bord huma – Mandy Buhagiar, Anne Fenech , Daniel Grima, Raymond Tabone u Mario Buhagiar. Gie deciz ukoll li l-ahjar hin ghall ftuh ta' din it-tender ikun 1300 – hin li l-istess kunislliera jkunu kollha jistghu jattendu.

24. **Tender gdida tat-trasport tal-anzjani.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li wasal iz-zmien li tohrog tender ohra ghat-trasport tal-anzjani peress li t-tender waslet biex tispicca. Saret diskussjoni qasira fuq din it-tender peress li l-van mitlub ghandu jkun ta' qies akbar u l-hinijiet jekk hemm bzonn jinbidlu wkoll. Ghalhekk ser issir laqgha ta' konsultazzjoni mal persuna li tmexxi c-Centru tal-Anzjani f'San Pawl il-Bahar ghall dan il-ghan.

25. **Hatra ta' bord tal-aggudikazzjoni – Trassport tal-Anzjani.**
Il-bord gie deciz li jkun kompost minn Mario Buhagiar, Graziella Galea, Raymond Tabone, Anne Fenech u Jane Chircop

26. **Hatra ta' bord tal-ghazla – kwotazzjoni Budget Measure 86**
Il-bord gie deciz li jkun kompost minn Mario Buhagiar, Anne Fenech, Raymond Taboe u Mandy Buhagiar.

27. **Bye-Laws godda**
Gie deciz li s-suggerimenti flimkien mall-minuti tal-laqgha ta' konsultazzjoni li saret mar-residenti fejn gew diskussi l-bye-laws godda jinghataw lill Avukat tal-Kunsill halli jigi kunsidrati u riflessi fil-Bye Laws Dawn wara ghandhom jergghu jitqassmu lil Kunsilliera.

28. **Tender tal-Accountant.**
Inqrat l-ittra li kienet intbghatet minghand it-tenderer li kien l-irhas wiehed. Is-Sindku qal li l-ohrajn kollha kellhom l-esperjenza li kienet intalbet u peress li ma' hemmx differenza bejn it-tieni u t-tielet li kienu ezattament bl-istess ammont u peress li ma' hemmx differenza sinifikanti fuq l-ishas ammont u dak ta' warajh, kif ukoll fid-dawl li l-Kunsill jippreferi li jzomm l-istess accountant li ghandu prezentament, ghandu jintalab linja gwida minghand id-dipartiment.

29. **Skema ta' parkegg fi Triq il-Mosta.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega li wara li fil-laqgha precedent kienu tqassmu l-pjanti ta' diversi skemi ta' parkegg godda madwar il-lokalita ta' San Pawl il-Bahar, huwa u Graziella Galea kienu ltaqghu biex jiddiskutu l-parkegg il-gdid fi Triq il-Mosta. Huwa talab lill kulhadd fuq xi kummenti u peress li ma' kienx hemm – talab lis-segretarju Ezekuttiv biex jibghat il-proposta lill Perit tal-Kunsill halli jipprocedi ghall-permessi necessarji.

30. **Milied 2014**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li ser jitlob lill Alex Bezzina kif ukoll Anne Fenech biex flimkien jahdmu hallu jintrama' t-tizjin fit-toroq u jiehdu hsieb l-attivitajiet ghall-zmien il-Milied.

31. **Tilqima tal-Influwenza.**
Ghall din is-sena s-Sindku spjega li ser ikollna diversi postijiet fejn ser jinghata l-vaccin kontra l-influwenza. Dawn ser ikunu l-bini tal-Kunsill stess, Dar l-Umanita f' Burmarrad u s-Sub Office gewwa l-pjazza. Din l-injezzjoni ser tinghata minn nurse professjonali f'dawn il-postijiet u ser tinghata wkoll fid-djar rispettivi tax-xjuh.

32. **Laqgha ta' konsultazzjoni- Residenti tal-Pwales.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega kif ghall diversi snin il-Pwales kellhom problema li dejjem jgherqu minhabba l-ammont sostanzjali ta' ilma li jinzel tax-xita peress li l-Pwales qieghed go hofra. Minkejja li saru diversi laqghat mall-periti tal-Gvern u ta' TM, residenti kif ukoll bdiewa diversi drabi talbu biex issir laqgha magghom halli naraw kif tista' tissolva din il-problema. Ghall dan il-ghan ser issir laqgha magghom il-gimgha 18 t' Ottubru fis-1400 gewwa s-sala tal-Kunsill Stess.

33. **Devoluzzjoni tal-kmamar fejn is-Sirens Football Ground.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega lill-Kunsilliera li l-Gvern centrali kellu l-hsieb li jibni skola quddiem il-Bellavista Hotel u ghaldaqstant il-kmamar biswit il-ground tal-football fuq in-naha l-ohra nistghu nitolbu d-devoluzzjoni taghhom halli jkunu jistghu jintuzaw mill-Kunsill bhala ufficini u stores. Wara diskussjoni qasira gie deciz li tintalab devoluzzjoni taghhom halli jsiru tal-Kunsill ghall skopijiet varji. Fuq din id-decizjoni kien hemm qbil unanimu.

34. **Tindif tal-lattrini.**
Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li peress li twaqqaf it-tender tat-tindif tal-lattrini u inghata x-xoghol b'direct order sakemm id-dipartiment jiddeciedi jekk hux ser johrog it-tender ghall-outsourcing huwa, jew jghati l-kunsens biex il-Kunsill jipprocedi bl-istess outsourcing. Peress li z-zmien ghaddej u l-istess dipartiment baqa' naxxenti milli jiddeciedi fuq l-outsourcing tal-lattrini, hem mil-bzonn li tintalab kwotazzjoni biex jitkompla jsir ix-xoghol ta' tindif. Kien hemm qbil biex tohrog kwotazzjoni ghat-tindif tal-istess lattrini.

*35. Kunsillier Daniel Grima hareg mil-laqgha fis-2026*

36. **Ambaxxatur taz-zghazagh.**
Billi kien hemm zewg nominazzjonijiet ghall ghazla tal-ambaxxatur taz-zghazagh - saret votazzjoni.Favur li jintghazel Shawn Galea kien hemm Graziella Galea, Anne Fenech u Robert Piscopo.Favur li jintghazel Rudy Dorekens___ kien hemm Jane Chircop, Oliver Mallia, Mario Buhagiar, Mandy Buhagiar u Ray Tabone. Peress li l-votazzjoni giet b' maggoranza li jintaghzel is-Sur Rudy Dorekens, dan gie konfermat bhala l-ambaxxatur taz-Zghazagh.

37. **LEAP Projcet.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li hemm skema bil-kollaborazzjoni tal-ETC biex permezz tal-LEAP li ser jithaddem ukoll b' finanzi tal-EU jigu mharrga diversi nies mall-Kunsill lokali biex b'hekk jintegraw fid-dinja tax-xoghol. Is-Sindku qal li dawn ser jigu assenjati mal-haddiema li l-Kunsill ghandu prezentament jahdmu fuq barra u minkejja li jgharaf li dawn ser jizdidilhom ix-xoghol, ghandna nkunu kburin li qieghdin inwettqu dan l-att nobbli u umanitarju. Kien hemm kunsens u qbil unanimu fuq dan.

**Kummenti tal-Kunsilliera.**

38. *Graziella Galea* gibdet l-attenzjoni li nharaq hafna qasab f'Wied Ghajn Rihana u li ghadu ma' ngabarx. Qalet ukoll li hemm zewg tourist screens li ma' kienux qieghdin jahdmu.
Hija qalet ukoll li l-korrezzjonijiet approvati ghandhom jemendaw il-minuti li jkunu intbghatu lil kunsilliera sabiex wiehed ma' jkunx qed jaqra minuti mhux emendati u allura mhux kif approvati. Il-punti li jkunu gew korretti ghandhom jigu indikati b'mod car f'dik il-laqgha meta dawn ikunu gew approvati bir-referenza ghall-laqghat ta' qabel.

39. *Jane Chirocp* semmiet li hemm skema biex issir Breast Feedin Clinic f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Ghawdex. Hija kompliet tghid li marret konferenza fejn gie spjegat li kienu ser jinghataw il-fondi lill Kunsilli biex isiru dawn il-breast feeding clinics, u ghaldaqstant talbet lill Kunsill biex jidentifika postijiet adekwati ghall dan ir-rigward. Ghaldaqstant il-Kunsill ta' San Pawl ghandu jistharreg il-possibilta li wahda minn dawn il-klinici tkun fis-Sub Office gewwa l-pjazza.

40. *Mandy Buhagiar* qalet prosit lill Kunsill li nieda l-inizjattiva ta' tisbih bi pjanti sbieh gewwa l-pjazza u diversi postijiet ohra. Kompliet tghid ukoll li kellha laqgha ma' tat-Turizmu biex jitkompla l-progett ta' Triq ta' San Frangisk u b'hekk titkompla l-bicca ta' fuq u jinbidlu r-railings. Qalet ukoll li fi Triq il-Luzzu ser isir progett ta' tisbih u bandli zghar fuq in-naha tal-bahar bil-kollaborazzjoni tal-MTA. Hija kompliet tghid li l-Kunsill ghandu jistharreg il-possibilta li ssir pedestrian zone mill-moll sad-Dolmen Hotel. Hija qalet li jekk j ikun hemm kunsens issir laqgha ma' tal-hwienet u residenti biex tigi mistharrga din il-possibilta. Kompliet ukoll tispjega li ser titkellem mad-dipartiment tat-turizmu biex fil-lokalita taghna jsir traffic impact assessment. Ghaldaqstant kif ikollna konferma mid-dipartiment li ser ihallas dan l-ezercizzju l-Kunsill ikun jista' jingagga lill Perit tal-Kunsill biex iwettaq dan ix-xoghol. Hija qalet ukoll li mhux accettabli li jinqata d-dawl u jdum erbat ijiem mitfi. Qalet li ma' taqbilx li jitpoggew l-karozzi fis-sit tal-parkegg wara dak tas-Santa anke b'mod temporanju. Il-Kunsilliera Graziella Galea u Anee Fenech qabli maghha.

41. **Aggornament tal-laqgha**. Il-laqgha intemmet fid-8.40pm u giet aggornata ghall nhar il-Gimgha 24 ta' Ottubru fil-5.30pm.

Raymond Tabone MBA- Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop LIMIS, MBA, MPHIL (Maastricht)
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.